# KAPITLU 6

# IL-PRANZU

Fl-lehha ta’ berqa Chaz u Sim sabu ruhhom fil-klassi. Kulhadd kien sieket. Huma kienu xhieda ta’ zewg grajjiet fejn fihom il-bniedem ma obdiex u lkoll kienu disgustati.

Kien Barakjiel li tkellem l-ewwel. “ Naf u nifhem li dak li rajtu kien hafna ghalikom biex taccetawh. Jekk ma ndunajtux diga’, il-lezzjoni taghna illum kienet fuq it-tentazzjoni. Il-bnedmin huma kontinwament konfrontati b’tentazzjonijiet li ma jispiccaw qatt tul hajjithom kollha u wahda mir-responsabiltajiet taghkom hija li tghinuhom biex jindunaw bil-qerq u jirbhuh.”

Barakjiel mexa’ lejn il-bieb tal-klassi u qalilhom: “ Jekk timxu warajja…. Huwa l-hin tal-pranzu.”

L-angli bdew iharsu wiehed lejn l-iehor.

“Sinjur,” qal l-anglu li kien fl-ewwel bank tal-klassi: “X’inhu pranzu?”

“Il-pranzu huwa ikla li l-bnedmin jieklu f’nofs il-gurnata,” qalilhon il-majjistru.

“Imma ahna ma nieklux ,” wiegeb l-anglu student.

“ Veru, verissimu,” qal Barakjiel, “ imma jekk timxu warajjha sa ma naslu fil-kafetterija, tindunaw kemm irid il-bniedem ihabbat wiccu ma’ tentazzjonijiet meta jigi ghal ikel. Issa ejjew intiru lejn il-kafetterija.”

Il-kafeterija kellha bosta mwejjed twal bis-siggijiet u fuq l-imwejjed kien hemm hafna platti kbar bl-ikel.

“Hudu post jekk joghgobkom,” qalilhom Barakjiel filwaqt li urihom fejn joqghodu bil-qieghda.

Chaz ha postu hdejn Sim. Sim kellha lapes u karta li fuqhom bdiet tpingi l-ikel li kien hemm fil-platti l-kbar.

“Hemm erba tipi ta’ ikel fuq l-imwejjed,” qalilhom Barakjiel.



“Dak li hu ahdar huma l-hxejjex u dak li huma kuluriti huwa l-frott.”



“Hemm sezzjoni ohra ghall hobz, ross u l-bqija. L-ahhar sezzjoni huma l-lahmijiet.”





Sim kollha kurzita’ staqsiet: “ Sinjur, x’inhuma dawn iz-zewg likwidi li hawn quddiemi?

“Il-likwidu trasparenti huwa ilma. L-ilma ghandhom bzonnu l-bnedmin, ghax minghajru ma jghixux. L-ohra hija tazza halib,” qalilha Barakjiel.



Chaz gabar bicca broccoli u hares lejha sew. “Sinjur, dan l-ikel kollu huwa tentazzjoni ghall-bnedmin?”

“Chaz dak li gbart hija bicca brokkoli,” wiegbu Barakjiel, “ dak li inti qbadt qatt ma kien ta’ tfixkil jew tentazzjoni ghall-bnedmin.”

“Allura ghax jiekluh?” staqsa anglu iehor.

“Ghaliex hu tajjeb ghalihom, bis-sahha tieghu jistghu jghixu,” qal Barakjiel. “ Infatti dak l-ikel kollu li qed taraw quddiemkom kollu huwa tajjeb ghall-bnedmin, basta jittiekel bil-qies.”

“X’jigifieri bil-qies?” staqsa l-anglu.

U wiegbu Barakjiel: “ Ifisser il-bniedem jiekol kemm ghandu bzonn u mehtieg. Ghax jista’ jigri li xi bnedmin, jithanzru u jieklu u jixorbu aktar milli jehtigilhom.”

Barakjiel tefa’ harstu fuq it-tarf tal-kamra fejn kien hemm bank mimli b’xi ikel iehor. Huwa xejjer idu bhala sinjal biex xi angli jigu jgorru platti ohra b’ikel gdid ghal fuq l-imwejjed.

Imbaghad dar lejn il-kumplament ta’ l-angli u qalilhom:

“ Dan li qed taraw, gheziez angli zaghzagh huwa l-aktar ikel li l-bnedmin jarawh bhala ikel li ma tistax tirresistilu. Isejhulu deserta.”

L-istudenti angli setghu jaraw platti mimlija cejkijiet, gelati, helu ta' kull xorta, pasti u gallettini.

"Dik hija gallettina," qalet Sim.

"Preciz. U dawn il-hlewwiet jistghu jkunu ta' dannu ghat-tfal anke ta' eta' zghira. It-tentazzjoni ghad-deserta tista' tkun kbira hafna. Li tiekol bil-qies hija haga tajba, izda l-hafna u l-esegerat huwa ta' dannu kbir ghal sahhithom."

Staqsiet Sim: " Allura l-bnedmin, ghandhom jiefqu jieklu dan il-hlewwiet. Mhux hekk?"

Barakjiel kompla jghidilhom: "Il-helu jew deserta ghandhom toghma tajba hafna."

"Ghandu toghma bnina u mhux tajjeb ghalihom?" staqsa Chaz.

"Korrett," qalilhom Barakjiel.

"Ma nistax nifhem kif dawn il-bnedmin li jafu li hu hazin u jibqghu ifittxu dan l-ikel," stqarr anglu iehor.

Chaz haseb fil-kliem tas-serp fil-Gnien ta' l-Eden. "Alla jaf tajjeb li meta tiekol minnu, jinfethu l-ghajnejkom u tkunu bhal allat li jafu t-tajjeb u l-hazin."

Qal bejnu u bejn ruhu: " Satana kellu ragun."

“X’ghadek kemm ghedt?” staqsa l-ghalliem Barakjiel.

“Xejn, xejn, sir,” wiegeb Chaz.

“Jekk joghgbok aqsam maghna hsibijietek,” qallu Barakjiel.

“Ghidt bejn u bejn ruhi li Satana kellu ragun. Fil-Gnien ta’ l-Eden qal lil Eva li tkun taf x’inhuwa t-tajjeb u x’inhuwa l-hazin.”

“”U?,” qal Barakjiel.

“U kellu ragun. Il-bnedmin jafu tassew dak li huwa tajjeb u dak li huwa hazin. Irrid infisser fuq id-deserta. Il-bnedmin jafu li huwa hazin u madankollu jiekluh.”

“U x’aktar?”

“ Li qed nghid huwa li l-bnedmin ghandhom ikunu jafu ahjar. X’nistghu naghmlu ahna biex inwaqqfuhom milli jaghzlu dak li huwa hazin?”, qal Chaz.

Kulhadd baqa’ halqu miftuh meta Chaz qam bil-wieqfa u quddiem l-angli shabu stqarr: “ Ma nahsibx li nista’ inkompli.”

Barakjiel tah harsa kerha. Imbaghad qallu: “ Hemm hafna x’wiehed jitghallem. Ghadu kmieni wisq biex wiehed

jaqta’ qalbu u jhalli l-akkademja. Dawn il-bnedmin jixirqilhom l-ahjar fost l-ahjar meta nigu ghal l-angli kustodji.”

“U ghaliex jisthoqilhom l-ahjar meta jirrifjutaw li jobdu?”, qal Chaz.

“Ghad fadallek hafna x’titghallem. Pero’ jekk jidhirlek li tixtieq titlaq, tista’ taghmel dan kull hin. Lura fil-klassi.”

L-angli hallew dak l-imkien biex jimxu wara Barakjiel. Sim kienet ser tikbi meta rat lil Chaz deciz li jitlaq.

U qal Barakjiel lil Chaz: “ Chaz, jekk tixtieq titlaq, mur hassar l-applikazzjoni tieghek fl-ufficju ta’ l-akkademja. Jiddispjacini narak titlaq.”